**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 20 ta' Novembru, 2020

*Kumpilazzjoni numru: 633/2020*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**-vs-**

**Ladabou Adama, bin-numru tal-Pulizija u**

**Hasan Abdallah, bin-numru tal-Pulizija 20Z-329**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati **Ladabou Adama** u **Hasan Abdallah,** u cioe` talli:

> Flimkien ma ohrajn, ġewwa Centru ta' Detenzjoni Hal Far, Zone D, Hermes, Lyster Barracks f'Hal-Far, nhar it-18 ta' Novembru 2020 ghall-ħabta ta' wara l-ghaxra (10:00) ta' filgħodu:

1. Hadu sehem f'gemgha li titqies kontra l-ligi, ngemghu jew baqghu flimkien b'aktar minn tlett persuni, ghal kull hsieb li kien, b'tali mod u taht cirkostanza tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, ghadd ta' nies, wiri ta' armi jew xort'ohra, li setghu gabu twerwir u biza fost in-nies f'Malta;

2. Volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra liema hsara tammonta ghal aktar minn €2,500;

3. volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

4. ma obdewx ordnijiet legittimi ta' wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u ma hallewhx u fixxkluh waqt li qed jaghmel id-dmirijiet tieghu;

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'każ ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputati wiegbu hatja ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk riedu setghu jergghu lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghhom, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom kif minnhom ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati li dwarhom qed tinstab htija, tal-ammissjoni ferm bikrija taghhom, tal-fedina penali netta tal-imputati w tac-cirkostanzi l-ohra tal-kaz.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 79(1), 325(1)(a) u 338(dd)(ee) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom, u tikkundannahom ghal **tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija**, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba (4) snin millum.

Finalment ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**